

Brussell, 11 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13876/23

EF 295
ECOFIN 975

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Adozzjoni ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju tal-BĊE

1. F'konformità mal-Artikolu 26(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013, fit-13 ta' Settembru 2023 il-BĊE ppreżenta proposta għall-ħatra tal-President tal-Bord Superviżorju lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni.
2. Fit-13 ta' Settembru 2023, il-President tal-Kunsill (ECOFIN) irċieva ittra mill-President tal-BĊE bil-proposta tal-BĊE għall-ħatra fil-pożizzjoni ta' President (dok. 12973/23).
3. Il-Parlament Ewropew approva din il-proposta fit-3 ta' Ottubru 2023.
4. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex jadotta l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill kif jinsab fid-dokument 13554/23.